MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 517/2011

**Smart Office Supplies Limited**
**Vs**
**Market Handle Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta attrici qalet illi bejn Awissu 2010 u Jannar 2011 hija giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta sabiex tbiegh u tikkonsenja lill-istess socjeta' konvenuta u pprovdiet servizzi kif mitluba taghmel.

Illi l-bilanc tal-prezz ta' dan il-materjal kif ukoll is-servizzi rezi huwa ta' elf disgha mija u sebgha u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,927.76) u dan kif jirrizulta mill-fattura pprezentat u mmarkata bhala dokument A .

Illi l-ammont indikat baqa' ma thallasx. Illi l-kawza ta' dan il-kreditu huwa hlas ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta u hlas ta' servizzi rezi lill-istess. Illi nonostante diversi interpellazzjonjiet kemm verbalment u kemm permezz ta' ittri legali sabiex thallas, dan il-kreditu baqa' ma thallas.

Is-socjeta' atttrici ghalhekk titlob il-hlas tal-ammont ta' elf disgha mija u sebgha u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,927.76) lill-istess socjeta' attrici.
Illi wara li l-kumpanija konvenuta giet notifikata permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni tal-atti deher rapprezentant tal-kumpanija konvenuta li xehed illi l-kumpanija konvenuta ghandha bzonn zmien beix tipprezenta r-risposta taghha peress illi bidlu l-post minn fejn joperaw. Fir-rigward tal-ammont mitljub bhala Chief Executive Officer cahad illi huwa dovut.
Permezz ta' risposta pprezentata fit-3 ta' Lulju, 2012 s-socjeta' konvenuta eccepiet illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ecceppew ukoll illi s-socjeta' konvenuta ma ghdnhiex tbati spejjez tal-proceduri.

Xehed id-Direttur tas-socjeta' attrici Josef Borg li bil-gurament tieghu xehed li l-kumpabnija attrici timporta u tiddistribwixxi affarijiet ta' *stationery*. Peress illi l-kumpanija attrici taghmel hafna reklami anki fil-*yellow pages* kien avvicinahom certu wiehed Donald li meta gie mghoti l-*application* biex jinfetah l-*account* kien qal illi ried jghatiha lid-Direttur. Filfatt l-*applicaton* giet iffirmata minn certu Celine Bentley. Pero rrizulta illi Donald Micallef kien direttur ukoll. Madankollu Donald Micallef nizzel ismu taht il-*purchasing name* u cioe l-persuna li taghmel l-ordnijiet. Huwa pprezenta dokument li jikkonsisti f'*invoices* li qatt ma gew imhallsa. Xehed ukoll illi Donald Micallef biddel l-isem tal-kumpanija ghal Contact Handle pero l-kumpanija baqghet taghmel l-istess generu ta' xoghol. Kull darba li saret kommunikazzjoni ghall-hlas hu dejjem qal li kien qed jistenna c-cekkijiet jigu ffirmati.
Minkejja li s-socjeta' konvenuta nghatat l-opportunita sabiex tressaq il-provi taghha u tisosstanza l-eccezzjonijiet imresqa li ma kellhiex tghati dan l-ammont, is-socjeta konvenuta la dehret u lanqas resqet il-provi taghha.
It-Tribunal ghalhekk wara li semgha x-xhieda tad-Direttur tas-socjeta' attrici u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma iili l-provi mibjuga jippruvaw it-talba u ma gewx kontradetti. It-Tribunal ghalhekk fuq dawn il-provi jaqta u jiddecidi l-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'

elf disgha mija u sebgha u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,927.76). Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------